MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Numru 9/2005

Il-Pulizija (Spett Malcolm Spiteri)

Vs

Alaa – Ahmad Alobied, ta' 31 sena, iben Ahmed u Fatima, imwieled is-Syria nhar l-1 ta' Awwissu, 1974, u li joqghod, 5, Triq San Guzepp, Tarxien u li ghandu n-numru tal-passaport 3832284JS98.

ILLUM IT-TNEJN 10 TA' OTTUBRU, 2005.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alaa Ahmad Albobied talli ghall-habta ta' l-10.00pm fil-Pjazza Antoine De Paule, Paula:

a. Waqt li kien qed isuq vettura numru KAR-856 tal-marka BMW, b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni fl-arti jew professjoni tieghu, jew bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Farrugia minn Paola u Brian Calleja minn Paola skond kif iccertifika Dr. Balzan tac-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid.
b. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq vettura numru KAR-856 ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga.
c. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien qed isuq l-imsemmija vettura bi 'speed' eccessiv u b'manjiera traskurata u perikoluza.

Rat il-verbal tal-lum stess fejn il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel (1) imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

Fuq ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet l-ohra ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u wara li rat l-Art. 15, 15(a) u 15(h) tal-Kap. 65 tikundannah ghal mitejn lira Maltin (Lm200) multa fuq it-tieni (2) imputazzjoni li tassorbixxi fiha t-tielet (3) imputazzjoni u tordna s-sospensjoni minn kull licenzja tas-sewqan ghal sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti ma tiehux konjizzjoni ta' l-ewwel (1) imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------